MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 76/2014

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Barry David (Passaport tar-Renju Unit 461577075GB)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' ħames mija u tmienja u erbgħin Ewro u seba' ċenteżmi (€548.07), ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' televiżjoni 142140172 u tal-internet (A/C 40167504, liema servizzi ġew ikkuntrattati permezz ta' żewġ kuntratti ddatati 17 ta' Jannar 2011.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' ħames mija u tmienja u erbgħin Ewro u seba' ċenteżmi (€548.07), bl-imgħax legali dekorribbli mit-22 ta' April 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, nnumerata 884/13 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------